31972R2842

L 301/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1972

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2842/72 TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Diċembru 1972
li jikkonkludi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u li jadotta d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tiegħu

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda iffermat fi Brussel nhar it-22 ta' Lulju 1972 għandu jkun konklus u li d-Dikjarazjonijiet annessi ma l-Att Finali, l-istess iffermati fi Brussel nhar it-22 ta' Lulju 1972, għandhom ikunu addottati;

Billi, la darba l-Ftehim iwaqqaf Kumitat Konġunt, repreżentanti tal-Komunità għandhom ikunu maħtura;

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

IL-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda l-Annessi u l-Protokolli tiegħu, u d-Dikjarazjonijiet annessi għal Att Finali huma b'hekk konklużi u kkonfermati f'isem il-Komunità.

It-testi tal-Ftehim u l-Att Finali huma annessi ma dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 37 tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill tal-Komunitàjiet Ewropej għandu jgħati notifika li l-proċeduri meħtieġa għad-dħul b'effett tal-Ftehim kienu ġew konklużi minn-naħa tal-Komunità.

Artikolu 3

Fil-Kumitat konġunt kif hemm provdut fl-Artikolu 30 tal-Ftehim, il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni, mgħejjuna mir-rappreżentanti tal-Istati Membri.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ġie ppublikat fil-Journal Uffiċjali tal-Komunitàjiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1972.

Għall-Kunsill —

Il-President

T. WESTERTERP